MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru 1138/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. J. Borg)**

**vs**

**CARMEL VASSALLO**
**IVAN BORG**
**MARIO GATT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmel Vassallo ta' 35 sena bin Ezekiel u Maria Dolores nee Portelli, mwieled Pieta nhar l-24 ta' Jannar 1971, li joqghod 15 Qajjiet Lane, Siggiewi, detentur tal-karta ta' l-identita numru: 73871M

Ivan Borg ta’ 35 sena bin John u Josephine nee Borg, imwieled Pieta nhar il-5 ta’ Dicembru 1970, li joqghod 108 NickJack Triq Mons F X Mangion, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita numru: 1271M

Mario Gatt ta’ 42 sena bin il-mejjet Joseph u Nikolina nee Borg, mwieled Siggiewi nhar it-22 ta’ Marzu 1964, li joqghod Sunrise, Triq Karmenu Vassallo, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 199964M gew akkuzati talli:

a) fil-25 ta’ Gunju 2006 fi Pjazza San Nikola, Siggiewi, ghall-habta tat-3.30 am, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Landrover bin-numru tar-registrazzjoni NAR612, liema hsara li tiskorri il-valur ta’ hamsin lira Maltija (LM 50) imma mhux il-valur ta’ hames mitt lira Maltija (LM 500) ghad-dannu ta’ Francis Aquilina, skond l-Art 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provediment ta’ l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Francis Aquilina.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JB7 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati kollha ammettew l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija, li hu konsapevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputati u l-parte civile Francis Aquilina illum ippacifikat ruhha, li l-imputati hallsu dak kollu dovut lill-parte civile Francis Aquilina rigward dan il-kaz u li f'dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile fil-konfront tal-imputati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Carmel Vassallo, Ivan Borg u Mario Gatt, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija, li hu konsapevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputati u l-parte civile Francis Aquilina illum ippacifikat ruhha, li l-imputati hallsu dak kollu dovut lill-parte civile Francis Aquilina rigward dan il-kaz u li f'dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile fil-konfront tal-imputati, tillibera lill-imputati Carmel Vassallo, Ivan Borg u Mario Gatt taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena millum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Carmel Vassallo, Ivan Borg u Mario Gatt b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) kull wiehed li jzommu il-kwiet ma' Francis Aquilina ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Carmel Vassallo, Ivan Borg u Mario Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------